**22 ta' Mejju, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Nicholas Ellul

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**

*Ir-rikorrent kien għaddej proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Hu lmenta li ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq billi l-eżebiti ġew miżmuma minn persuni mhux awtorizzati u l-esperti ballistiċi kienu mpjegati statali f'korpi dixxiplinari. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni tal-intimati dwar in-nullità tar-rikors promotorju tal-ġudizzju, irrifjutat teżerċita d-diskrezzjoni tagħha in parti billi mezzi oħra xierqa kienu jeżistu għar-rimedju tal-allegat ksur, u laqgħet l-ilment tar-rikorrenti in kwantu kien jirrigwarda tnejn mill-esperti ballistiċi. Wara l-appell tal-intimati, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Ir-rikorrent kien qajjem il-kwistjoni kostituzzjonali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Sussegwentement, u qabel ma dik il-kwistjoni ġiet dekretata, huwa ppreżenta l-preżenti rikors u ddikjara fil-Qorti tal-Maġistrati li, stante l-preżentata tar-rikors, ma kienx hemm lok għal digriet. Il-Qorti osservat li bħala massima, riferenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minn xi Qorti li ma tkunx l-istess Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, ma tinkludix il-proċedura ordinarja permezz tar-rikors. Tali rikors huwa eskluż fejn jieħu l-forma ta' appell minn digriet li jkun iddikjara kwistjoni kostituzzjonali frivola u vessatorja billi tali digriet mhux appellabbli.*

*Il-Qorti għandha diskrezzjoni meta jkunu jeżistu rimedji ordinarji jekk tapplikax jew le s-sanzjoni kostituzzjonali.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-18 ta' Marzu 1991 ippronunzjat din is-sentenza:

Il-Qorti, rat ir-rikors ta' Nicholas Ellul, li bih wara li qal bil-qima illi dan hu rikors għal rimedju kostituzzjonali kif ukoll taħt il-provvediment tal-Att XIV tal-1987, fejn id-drittijiet hemm elenkati w riferiti f'dan ir-rikors, huma leżi, u forsi b'aktar immedjatezza, jistgħu jiġu vjolati;

**Il-fatti:**

L-esponenti, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, oppona (i) għall-eżebizzjoni ta' oġġetti li baqgħu, minflok taħt il-ħarsien tal-Qorti, fil-pussess ta' nies li ma kellhom ebda nkarigu mill-Maġistratura biex iżommuhom;

(ii) oppona għall-konferma tal-istess esperti ballistiċi peress li tnejn minnhom huma pulizija, fil-waqt li l-ieħor huwa fil-forzi armati u għalhekk dipendenti ta' xi korp dixxiplinat tal-Istat:

Il-Qorti tal-Maġistrati b'digriet tal-14 ta' Frar, 1991, ċaħdet iż-żewġ oggezzjonijiet. L-esponenti vverbalizza l-ilmenti tiegħu taħt il-Kostituzzjoni w il-Konvenzjoni Ewropeja w il-Qorti ħalliet l-istruttorja għal ġurnata oħra biex li tisma' t-tweġiba tal-Prosekuzzjoni, biex tara jekk tirreferix il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla;

L-esponenti, fuq il-bażi tas-sentenza kostituzzjonali "Alan Mifsud", deherlu li, wara kollox, tenut kont tal-fatt li kien qed jiġi mpunjat digriet ta' Qorti bħala vjolanti l-Kostituzzjoni w il-Konvenzjoni riferita, ikun qed jitlob wisq mill-istess Qorti li hija stess tirreferi l-kwistjoni. Għalhekk qed isir dan ir-rikors;

**Esawriment ta' Rimedji:**

Trattandosi ta' Qorti Istruttorja, ma hemm l-ebda appell minn tali deċiżjoni u dan fit-terminu utili tal-artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali, liema terminu ma jistax jiġi reintegrat fih l-imputat, jew hemm xi stadju ieħor li l-istess benefiċċju tal-eżami tar-raġunijiet biżżejjed jista' jingħata. Fl-għeluq tal-kumpilazzjoni l-awtorita' deċizjonali dwar il-prosegwiment jgħaddi għand l-Attorney General, u l-maġistrat huwa biss imsejjaħ jagħmel xi rinviju, jekk ikun forsi mitlub;

**Allegazzjoni tal-Vjolazzjoni:**

Id-digriet lamentat jikser u jisa' jikser id-drittijiet protetti mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoi w l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Ewropeja, kemm fejn ġew aċċettati d-dolumenti f'idejn terzi, u kemm fil-konferma tal-esperti ballistiċi;

Il-kliem rilevanti huma fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni: "imwaqqfa b'liġi", u fil-Konvenzjoni Ewropeja "*established by law*". Dan il-kliem jimponi mhux biss li jkun hemm liġi li tgħid li għandu jeżisti tribunal jew qorti imparzjali u ndipendenti, imma x'poteri, x'obbligi, x'responsabilità, x'termini, għandha tosserva dik il-qorti. Altrimenti jkun biżżejjed li wieħed joħloq qorti ta' nies imparzjali w indipendenti, u jħalli f'idejhom li jiddeterminaw il-proċedura kollha, imqar meta din il-proċedura jiegħda hemm biex tassigura dak li hu "*fair trial*". "*Fair trial*" ifisser ukoll *fair* mill-aspett proċedurali u ċjoè, li r-'*rules of game*' ikunu magħrufin għal kullħadd, għall-'*players*' u għar-'*referee*', biex wieħed jieħu eżempju tal-*fair play* mill-*isports* (li wara kollox, hu xempju tal-istess kunċetti);

Vjolazzjoni lampanti tal-obbligi proċedurali, anke b'interpretazzjoni erroneja tal-liġi ordinarja kriminali, jikkostitwixxi tali vjolazzjoni tar-*rules* tal-*fair play*, għaliex il-Qorti tkun qed tmur kontra l-liġi u toħroġ mill-poteri tagħha.

L-artikolu 562 u l-artikoli kollha dwar l-"*In genere*" w ir-"*Reperti*" jorbot lil kulħadd, li l-eżebiti għandhom joħorġu biss f'każijiet straordinarji minn taħt l-awtorità tal-qorti, u malajr kemm jista' jkun jerġgħu jiġu taħt il-maġistrat. Hawn ma ġara xejn minn dan. Skond l-istess depositarji qalu li kien avukat waqt proċeduri oħra li qalilhom biex iżommuhom għandhom. Il-Qorti tal-kompilazjzoni kkwotat digriet li ma kienx jirreferi għal dawn l-eżebiti, imma għall-oġġetti li kienu nstabu Ħal-Safi. Vjolazzjoni manifesta tal-liġi ntiża biex tirregola l-*fair play* dwar il-provi u tevita kull possibiltà ta' tbagħbis, ma tistax imbagħad tiġi

sorvolata skond iċ-ċirkustanzi. Il-proċedura kriminali hija ċertament ta' ordni pubbliku;

L-artikolu 651 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li l-periti jistgħu jiġu rikużati għall-istess raġunijiet li jiġi rikużat Imħallef. – artikolu 734(2) Proċedura Ċivili, – u anke interess indirett hu biżżejjed. Pulizija jieħu l-ġurament tal-uffiċċju. Skond il-Kodiċi għandu l-obbligi li jressaq il-ħatjin quddiem il-Qorti, jinvestiga r-reati. Imma hawn jidħlu l-kliem "imparzjali w indipendenti". Jekk l-esperti huma l-id il-leminija tal-Qrati, allura kif jista' jingħad illi ġudizzju qed jiġi bażat fuq "*impartial and independent tribunal*" meta l-istess tribunal ikun kostrett xjentifikament li joqgħod fuq min hu '*pars*' u min naturalment ma jistax ikun indipendenti. Hawn si tratta ta' prinċipju. Kien ta' xejn li l-esponenti ġibed l-attenzjoni tal-Qorti tal-kumpilazzjoni li kien hemm obiter importanti fis-sentenza Kostituzzjonali "Abela" dwar il-periti legali;

Għaldaqstant, l-esponenti talab bir-rispett li din il-Qorti, in vista tal-premess:

(a) Tiddikjara li kien hemm ksur tal-Kodiċi Kriminali dwar l-eżebiti, u ċjoè, iż-żamma tal-istess eżebiti minn persuni li ma kinux ir-Reġistratur tal-Qorti, bla ma kienu għall-inqas awtorizzati;

(b) Tiddikjara li tali vjolazzjoni tammonta għall-ksur għall-garanzija proċedurali għall-*fair trial*, protett mill-Kostituzzjoni (Artikolu 39(1) u l-Konvenzjoni;

(ċ) Tiddikjara li d-digriet li bih ġiet miċħuda l-oġġezzjoni għall-periti ballistiċi, impjegati statali u f'korpi dixxiplinati, jmur

kontra l-garanzija tal-*fair trial* u l-imparzjalità rikjesta mill-istess artikolu *msemmija f'talba (b) u konsegwentement tħassar u* tannulla d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, tal-14 ta' Frar, 1991, fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet inversi;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha espona bir-rispett illi preliminarjament il-proċeduri odjerni li nbdew bir-rikors ta' Nicholas Ellul tat-18 ta' Frar, 1991, huma nulli peress illi kif jirriżulta mill-istess rikors ir-rikorrent issolleva l-kwistjonijiet Kostituzzjonali mertu tar-rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-atti tal-kumpilazzjoni "Il-Pulizija vs. Nicholas Ellul" u għalhekk il-proċedura korretta u tassativament prevista mill-Kostituzzjoni u mill-Att XIV tal-1987 hija dik indikata fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4(3) tal-Att XIV imsemmi. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Jannar, 1989, fil-kawża fl-ismijiet "Angelo Spagnol vs L-Onor. *Prim Ministru noe et*";

Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, in vista tal-fatt li l-interess tar-rikorrent fit-talbiet mertu tar-rikors promotorju tal-ġudizzju huwa limitat u ċirkoskritt għall-kumpilazzjoni pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u ma għandu ebda interess ieħor fihom barra l-parametri ta' dawn il-proċeduri, il-lanjanzi odjerni tiegħu jistgħu biss jiġu sollevati fil-parametri ta' dawk il-proċeduri bil-mod previst fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u 4(3) tal-Att XIV tal-1987 u għalhekk għandha tiġi dikjarata l-irritwalità u nullità tar-rikors imsemmi;

Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess,

ir-rikors odjern huwa fi kwalunkwe kaz improponibbli mir-rikorrent, in vista tal-fatt li darba li huwa għażel li jissolleva l-lanjanzi mertu tal-istess rikors quddiem *il-Qorti tal-Maġistrati* (Malta) bħala Qorti Istruttorja, fil-proċeduri istruttorji kontra tiegħu, u dan għat-tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u 4(3) *tal-Att* XIV *tal-1987*, issa *ma jistax jieħu triq oħra billi* jissolleva dawk tal-artikoli 46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Att imsemmi u dan peress li "*electa una via non datur recursus ad alteram*";

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tiegħu u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skond il-liġi. Difatti l-anqas biss sar xi tentattiv da parti tar-rikorrent sabiex jirrekuża lil xi ħadd mill-periti għal xi motiv imsemmi fil-liġi ordinarja. L-anqas xi talba għal xi nomina ta' periti *addizzjonali* ma saret. Inoltre, il-proċeduri istruttorji li fihom ir-rikorrent issolleva l-lanjanza tiegħu għadhom ma humiex stadju fejn tista' tittieħed xi deċiżjoni fil-mertu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra r-rikorrent u għalhekk diversi rimedji għadhom disponibbli għalih fosthom talbiet għar-revoka "*contrario imperio*" tad-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati, *sottomissjonijiet lill-Qorti dwar hemmx raġunijiet biex l-imputat* jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża peress li l-Qorti għadha f'posizzjoni li tiddikjara li ma hemmx tali raġunijiet u dan, fih innifsu, jikkostitwixxi wkoll rimedju ordinarju; u fl-eventwalità li l-Qorti Istruttorja tiddeċidi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali għad jista' jiddeċidi xort'oħra, u fi kwalunkwe każ, hemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll quddiem il-Qorti kriminali skond il-każ u **jekk** ikun il-każ ir-rikorrent ikun għadu f'pożizzjoni li jagħmel dawk l-eċċezzjonijiet

xierqa li jidhirlu dwar l-ammissibilità ta' provi bir-rimedju ulterjuri ta' appell lill-Qorti kompetenti.

Dan kollu qiegħed jingħad permess li ġie ripetutament ritenut fil-każistika tal-organi ewropej, kif dal tronde ġie ukoll ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali tagħna fil-kawża "Emmanuel Formosa vs. Kummissarju tal-Pulizija" deċiża fis-16 ta' April, 1973, li kienx hemm jew le vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni) jista' jiġi determinat biss fil-kuntest tal-proċess sħiħ u mhux neċessarjament fuq il-bażi ta' xi inċident partikolari u dan ma jistax isir f'dan l-istadju peress li din il-Qorti ma tistax tipproġetta ruħha fil-futur u anqas tista' tikkunsidra konkretament il-lanjanzi tar-rikorrent fil-kumpless kollu tal-proċess;

Fil-mertu, ma huwiex ċar mir-rikors liema partijiet mill-artikoli ċitati mir-rikorrent qegħdin jiġu allegatament miksura. Fir-rikors jissemmew "imwaqqfa b'liġi, "*fair trial*" u anki "imparzjali w indipendenti". Bir-rispett kollu, l-esponenti ma jistax jifhem l-argumenti tar-rikorrent dwar fejn suppost hemm xi ksur in konnessjoni mal-kliem "inwaqqfa b'liġi". Dawn il-kliem kemm fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja kemm fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirreferu għal tribunal jew qorti rispettivament. Hemm l-iċken dubju li l-Qorti tal-Maġistrati hi qorti mwaqqfa b'liġi? Ir-rikorrent jgħid ħafna affarijiet, iżda anqas hu ma jallega dan. Dwar f'hiex ma kienx hemm "*fair trial*", jew "smiegħ xieraq", ir-rikorrent prattikament ma jgħid xejn, ħlief li jallega li l-Qorti Istruttorja interpretat ħażin id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali applikabbli għall-"in *genere*" u "*reperti*"; il-Qorti Istruttorja interpretat korrettement id-disposizzjonijiet relevanti anki fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza kostanti tal-Qrati ta' kompetenza Kriminali, iżda fi kwalunkwe

każ din m'hix materja kostituzzjonali u din il-Qorti ma għandha ebda kompetenza fir-rigward. Dwar "imparzjali w indipendenti" dawk ukoll, fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirreferu għat-tribunal jew qorti rispettivament. Ma 'nġiebet anqas l-iċken raġuni għala l-Qorti Istruttorja ma hix Qorti imparzjali w indepenti. F'dan ir-rigward ingħad ħafna fir-rikors dwar il-periti nominati mill-Qorti iżda l-kliem "imparzjali w indipendenti" fl-artikoli msemmija ma jirrigwardawx periti, li ma jiddeċidu xejn, iżda jirrigwardaw lit-tribunal jew qorti. Dan kollu apparti l-fatt li dak li sar mill-Qorti Istruttorja ċertament ma jistax jikser l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni in vista tal-artikolu 47(7) u tal-Ewwel Skeda tal-istess Kostituzzjoni Il-lanjanzi tar-rikorrent, għalhekk, mhux biss huma insostenibbli, iżda huma frivoli u vessatorji; dan forsi jispjega għala f'daqqa kien hemm bdil fil-ħsieb u wara li ġew sollevati dawn il-kwistjonijiet quddiem il-Qorti Istruttorja r-rikorrent subitanejament ippreżenta dan ir-rikors u aċċenna għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "Alan Mifsud et vs. L-Avukat Ġenerali et" tat-23 ta' Novembru, 1990;

Inoltre għandu jiġi rilevat li din il-qorti ma għandha ebda kompetenza tiddeċidi dwar it-talba enumerata (a) fir-rikors peress li din hi ta' kompetenza Kriminali u konsegwentement anqas tista' tilqa' t-tieni tabla enumerata (b) peress li din hi konsegwenzjali għat-talba enumerata (a). It-talbiet l-oħra ma jistgħux jintlaqgħu għar-raġunijiet ġà msemmija w għal dawk li jissemmew fit-trattazzjoni tar-rikors;

Dwar il-fatti allegati fl-ewwel parti tar-rikors jidher li hu minnu li r-rikorrent oġġezzjona għall-eżebizzjoni ta' xi oġġetti li jidher li kienu baqgħu fil-kustodja tal-periti nominati mill-Maġistrati Inkwirenti. Jidher ukoll, għalkemm dan ma jirriżultax

mill-verbali quddiem il-Qorti Istruttorja, li r-rikorrent oppona għal xi esperti aktarx għaliex dawn kienu pulizija. Ma jidhirx li r-rikorrent kien oġġezzjona għal xi perit li hu fil-forzi armati. Illi b'digriet tal-14 ta' Frar, 1991, il-Qorti tal-Maġistrati ordnat l-eżebizzjoni tal-munizzjoni u kkonfermat in-nomini tal-esperti ballistiċi. Fl-istess data r-rikorrent qajjem quddiem dik il-Qorti "il-kwistjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja" u għamel riferenza wkoll għall-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u talab lil dik il-Qorti tirriferixxi għat-tenur tal-artikoli 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Att XIV tal-1987. L-aħħar paragrafu tal-parti intestata "il-fatti" fih x'ħaseb ir-rikorrent u naturalment dwar dan ma jidhirx li l-esponenti hu msejjaħ li jirrispondi xi ħaġa bid-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Frar, 1991;

Għaldaqstant u għal raġunijiet oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tar-rikors, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu respinti u fl-eventwalità ta' deċizjoni fil-mertu t-talbiet tiegħu għandhom jiġu dikjarati frivoli u vessatorji;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti, fosthom il-kopja tad-digriet mertu tal-kawża tal-14 ta' Frar, 1991;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tikkunsidra l-ewwel l-eċċezzjonijiet proċedurali tal-intimat:

(a) L-intimat jeċċepixxi qabel in-nullità tal-proċeduri in

kwantu jissottometti li l-proċedura korretta u tassattivament prevista hija dik indikata fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(3) tal-Att XIV tal-1987. Il-Qorti ma taqbilx illi dawn il-provvedimenti jillimitaw id-dritt ta' persuna li hi nvoluta f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla, u li tallega li d-drittijiet fundamentali tagħha jkunu ġew jew ikunu ser jiġu mhedda li tadixxi direttament lill-Prim'Awla għar-ridress. Fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni għandu jinqara sħiħ u jiġu interpretat b'mod omoġeneju. L-artikolu jistabbilixxi il-ġurisdizzjoni oriġinali tal-Prim'Awla li tisma' każijiet dwar id-drittijiet fundamentali ad esklużjoni ta' kull Qorti oħra. Is-subinċiż (3) jipprovdi xi proċedura għandna ssegwi Qorti oħra li quddiemha tqum kwistjoni simili u tassigura li tali kwistjoni tiġi dejjem riferita lill-Prim'Awla, salv fejn jiġi determinat illi l-kwistjoni tkun "**sempliċement**" frivola u vessatorja". Din l-aħħar salvagwardja hi komuni għall-Qrati kollha li jiġu l-ewwel investiti bi kwistjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali – inkluża l-Prim'Awla – u hi ovvjament intiza biex jiġi assigurat li ma jsirx abbuż mill-ogħla istituzzjoni ġudizzjarja fil-pajjiż. Jingħata risalt lill-kelma '**sempliċement**' li tindika li mhux biżżejjed illi l-kwistjoni jew l-ilment ikunu "frivoli" u vessatorji". Iridu jkunu hekk biss u xejn aktar minn hekk. Jekk, apparti l-frivolosità u l-vessatorjità, iqum xi aspett li ma jistax jiġi hekk kwalifikat, l-Ewwel Qorti hi fid-dover li tagħmel ir-riferenza lill-Prim'Awla;

Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell – kondiviża minn din il-Qorti fil-kawża "Alan Mifsud et. vs. l-Avukat Ġenerali et." (deċiża 23/11/90 – Rikors 295/90), l-għażla jekk jipproċedix b'riferenza jew b'rikors dirett quddiem il-Prim'Awla, hija f'idejn il-persuna li tallega l-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Mhux korrett għalhekk l-intimat meta jsostni n-nullità tar-rikors fuq il-bażi li ma setax jittenta din il-proċedura in kwantu l-proċedura

korretta kienet dik li jqajjem il-materja quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u li konsegwentement kienet biss dik il-Qorti li setgħet kellha ġurisdizzjoni biex tiddetermina jekk iċ-ċirkustanzi kienux tali li jiġġustifikaw ir-riferenza lill-Prim'Awla;

(b) Dan kollu japplika wkoll għall-eċċezzjoni mogħtija, in subordine, tal-irritwalità u nullità tar-rikors in vista tal-fatt li l-interess tar-rikorrent fit-talbiet mertu tiegħu, huwa limitat u ċirkoskritt għall-kumpilazzjoni pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li m'għandu l-ebda interess fihom, barra l-parametri ta' dawk il-proċeduri. Dan għaliex l-artikolu 46(1) hu redatt f'termini mill-aktar wiesgħa u ma jeskludix il-possibilità li tiġi adita l-Prim'Awla direttament anke f'każijiet fejn il-kwistjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tinvolvi proċeduri *quddiem* Qorti oħra bħal ma hu f'dan il-każ;

(ċ) L-intimat jeċċepixxi inoltre, illi r-rikors odjern hu improponibbli in vista tal-fatt li ladarba hu għażel li jissolleva l-lanjanza mertu ta' dan ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u dana f'dawk il-proċeduri a tenur tal-*artikolu* 46(*3*) *tal*-Kos*tituzzjoni* u *tal*-Att *fuq ċitat*, *hu ma jistax* issa jissolleva l-istess mertu, b'rikors dirett quddiem il-Prim'Awla. Din l-eċċezzjoni tippresenta ċerta diffikultà, anki in vista tad-dritt tal-għażla enunċjat fis-sentenza ''Alan Mifsud et.....'' fuq ċitata, u tal-kunsiderazzjonijiet konsegwenzjali li jiskaturixxu mill-eżerċizzju ta' dak id-dritt.

Il-fatti bażiċi ta' dan l-aspett tal-vertenza huma s-segwenti:

(i) Fil-21 ta' Jannar, 1991, id-difiża, għar-rikorrent, **preventivament** irriżervat sa minn dak in-nhar, li tqajjem

oġġezzjoni dwar il-konferma tal-periti ballistiċi nominati waqt l-inkjesta u li tqajjem oġġezzjoni dwar il-konferma tagħhom u dan "għar-raġunijiet legali indikati f'sentenza reċenti kostituzzjonali";

*(ii)* Fl-14 *ta'Frar, 1991, il-Qorti tal-Maġistrati* ddekretat il-konferma tal-esperti ballistiċi fl-atti ta' kumpilazzjoni kif ukoll iddeċidiet dwar l-ammissibilità bħala prova ta' ċerti eżebiti. F'dik il-ġurnata stess, wara li ngħata dan id-digriet, id-difiża ssollevat il-kwistjoni tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u talbet li ssir ir-riferenza lil din il-Qorti a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Il-Prosekuzzjoni talbet żmien biex tirregola ruħha;

(iii) Fis-seduta ta' wara, fit-18 ta' Frar, 1991, id-difiża infurmat lill-Qorti bil-preżentata tar-rikors li hu llum quddiem din il-Qorti fuq l-istess mertu tal-verbal tagħha tal-14 ta' Frar, 1991, u ddikjarat li "għalhekk in-neċessità li jingħata digriet minn din il-Qorti (tal-Maġistrati) hu sorpassat". Sa dak il-ħin il-Prosekuzzjoni kienet għadha ma esprimietx ruħha u wisq anqas kienet ippronunzjat ruħha l-Qorti;

(iv) Fl-20 ta' Frar, 1991, il-Qorti tal-Maġistrati "bil-qbil tal-partijiet lejn (sic) ir-rikors li għalih saret riferenza fil-verbal preċedenti, li ġie debitament preżentat," astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-verbal tad-difiża tal-14 ta' Frar, 1991, fejn intalbet ir-riferenza;

Dawn il-fatti ovvjament ipprovokaw l-oġġezzjoni tal-intimat li r-rikorrent ma setax jittenta dan ir-rikors una volta kien laħaq qajjem l-istess kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. *Electa*

*una via non datum recursus ad alteram.* Ma hemmx dubju li r-rikorrent qajjem il-materja kostituzzjonali mertu ta' dan ir-rikors, espliċitament quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja w espressament talab li ssir ir-riferenza ai termini tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Indubbjament kieku dik il-Qorti laħqet ħadet konjizzjoni tat-talba u ddeċidietha, ir-rikorrent ma kien ikollu l-ebda dritt li jipproċedi bil-preżenti proċedura. Fil-fatt, però, dik il-Qorti ma laħqetx ħadet konsiderazzjoni tat-talba tar-rikorrent u l-Prosekuzzjoni ma kellhiex l-opportunità tesprimi ruħha fuqha. Il-kwistjoni rrisolviet ruħha bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża li r-rikors quddiem il-Prim'Awla – li fl-aħħar mill-aħħar dejjem għandha l-ġurisdizzjoni ordinarja in materja bir-riserva fuq imsemmija – titħalla tieħu konjizzjoni tal-vertenza u tiddeċidiha. Kien fid-dawl ta' dan il-ftehim li l-Qorti tal-Maġistrati astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tad-difiża li ssir ir-riferenza kostituzzjonali;

Għal din il-Qorti dan ifisser li r-riferenza ma kienx hemm aktar lok li tiġi kunsiderata in vista tar-rikors tad-difiża li direttament investa lill-Prim'Awla bil-kunsiderazzjoni tal-punti nvoluti. Ifisser ukoll li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll il-Qorti tal-Maġistrati ħassew li l-punti nvoluti ma kienux "sempliċement frivoli u vessatorji" għaliex kieku l-Prosekuzzjoni kienet *ab initio* u immedjatament tirreżisti li l-Qorti tal-Maġistrati tastjeni waqt li dik il-Qorti kienet hekk tiddikjara li kienu l-lanjanzi tad-difiża u hekk ukoll sommarjament tiddisponi minnhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti f'materja kostituzzjonali – waqt li l-provvedimenti proċedurali għandhom jiġu osservati biex tiġi assigurata ċerta ordni u regolarità fil-proċeduri – huwa l-ispirtu gwida tagħhom u mhux il-formaliżmu żejjed li għandu jispira l-ġjudikant. Hu ċar li l-ħsieb tal-leġislatur hu li kull materja rigwardanti l-ksur tad-drittijiet fundamentali li ma tkunx sempliċement frivola u

vessatorja kellha tiġi trattata u deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Dan hu dak li qed isir f'dan il-każ, bil-kunsens **inizjali** tal-partijiet fil-kawża u dejjem salv "il-prinċipju fundamentali tas-sistema ġuridika nostrana bażata fuq żewġ gradi ġurisdizzjonali" (ara Alan Mifsud et .... ġa ċitata);

Għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-intimat dwar l-irritwalità u n-nullità tar-rikors qed jiġu miċħuda.

Ikkunsidrat:

Fil-mertu, r-rikorrent qed jissottometti illi d-digriet tal-14 ta' Frar, 1991, jikser jew jista' jikser id-drittijiet protetti mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jingħata smiegħ xieraq "minn Qorti" ndipendenti u mwaqqfa b'liġi". Mhux qed jiġi kontestat illi l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja m'hix (recte, hi) Qorti indipendenti u mwaqqfa b'liġi. Jidher illi l-ilment tar-rikorrent hu l-aktar bażat li xi proċeduri matul il-proċess quddiem dik il-Qorti jiksru jew jistgħu jiksru d-dritt għal smiegħ xieraq;

Ir-rikorrent qed jinfiċja d-digriet tal-14 ta' Frar, 1991, in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati caħdet l-oġġezzjoni tad-difiża għall-eżebizzjoni ta' oġġetti li baqgħu, flok taħt il-ħarsien tal-Qorti, fil-pussess ta' nies li ma kellhom ebda nkarigu mill-Maġistratura biex iżommuhom. Jiġi notat u dan hu essenzjali, illi f'dan ir-rigward il-Qorti ddekretat biss "illi l-munizzjoni in deżamina presentement fil-kustodja tal-esperti ballistiċi, **jiġu eżebiti** minnhom stess fl-atti ta' din il-proċedura". Issa l-eżebizzjoni ta' dokumenti fih innifsu waqt proċeduri ġudizzjarji bl-ebda mod ma jista' jingħad li jippreġudika d-drittjiet tal-akkużat. Hu fil-fatt dover tal-prosekuzzjoni li teżebixxi d-dokumenti kollha u

oġġetti materjali oħra li fuqhom ikun sar il-proċess verbal (artikolu 550(4) tal-Kap. 9). Tibqa' miftuħa w impreġudikata, kull kwistjoni dwar il-mod kif dawn l-oġġetti ġew preservati, dwar l identità u l-istat tagħhom. Kif jibqgħu validi wkoll is-sottomissjonijiet li d-difiża jidhrilha li għandha tagħmel fuq il-valur probatorju ta' dawn l-eżebiti u kif dan seta' ġie affett, fil-fehma tagħha negattivament, b'xi allegat ksur tad-disposizzonijiet tal-Kodiċi Kriminali in materja;

Dawn huma kwistjonijiet li jistgħu u għandhom jiġu sottomessi għall-ġudizzju imparzjali, f'dan il-każ tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, li hi l-Qorti kompetenti biex tiddetermina dawn l-aspetti tal-kawża, u tiddeċidi fuq l-oġġezzjonijiet sollevati skond kif previst fil-Kodiċi Kriminali. Ma hux kompitu ta' din il-Qorti, bħala Qorti Kostituzzjonali, li tintrometti ruħha f'dawk il-proċeduri u tiddeċidi hi dak li għandu proprjament jiġi deċiż minn Qorti oħra. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrent illi l-artikolu 562 tal-Kap. 9 u l-artikoli l-oħrajn dwar l-*in genere*, jorbtu lil kulħadd. Però, l-allegata vjolazzjoni ta' dawn l-artikoli tista' se mai tinċidi, fuq il-valur tal-eżebiti bħala prova imma ċertament ma għandhiex tosta għall-produzzjoni tad-dokumenti f'dan l-istadju tal-proċeduri. Hu ċar li għadhom miftuħa għar-rikorrent f'din is-sitwazzjoni, diversi rimedji biex jiġi rettifikat il-preġudizzju li talvolta jista' jsofri minħabba l-allegati vjolazzjonijiet tal-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali. L-aqwa rimedju fosthom, hu dak li r-rikorrent jikkonvinċi lill-Qorti bil-validità tas-sottomissjonijiet tiegħu li l-valur probatorju tad-dokumenti esibiti bil-verbal tal-14 ta' Frar, 1991, ġie serjament preġudikat bil-vjolazzjonijiet lamentati. F'tali eventwalità it-teżi tar-rikorrenti tiġi naturalment riflessa fid-deċiżjoni tal-Qorti. Dan apparti rimedji oħrajn li r-rikorrent għandu kemm f'dan l-istadju tal-

proċeduri kontriħ, kif ukoll fi stadji ulterjuri. Rimedji provduti fl-istess Kodiċi Kriminali u fil-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandhom qabel xejn jiġu epurati mir-rikorrent qabel ma jadixxi, kif għamel, lil din il-Qorti;

Fir-rigward ta' dan l-ilment, għalhekk, il-Qorti tifhem, li fiċ-ċirkustanti, għadhom ma jirriżultawx elementi li jiġġustifikaw l-intervent tagħha u li hu l-każ li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dawn, anke jekk b'xi differenzi, it-tnejn jiddisponu illi l-Qorti adita għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li tagħmel hekk – kif tħoss li hu f'dan il-każ limitatament għal dan l-aspett tat-talbiet tar-rikorrent – tirrifjuta li teżerċita s-setgħat lilha mogħtija, meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ħsara, jew huma – kif għadhom f'dan il-każ – jew kienu, disponibbli favur ir-rikorrent;

Il-Qorti taċċenna wkoll f'dan l-istadju, għax hu rilevanti, għall-prinċipju, li mhux kull vjolazzjoni tal-provvedimenti proċedurali tal-Kodiċi Kriminali tammonta għall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq. "*The commission has always taken the position that in abstracto, no enumeration of criteria can be given (to determine when a hearing is fair) but that in each individual case, the course of the proceedings as a whole has to be assessed. (Nielsen case – Yearbook IV, 1961)*". Dan il-prinċipju ġie segwit ukoll fil-ġurisprudenza tagħha fil-każ "Emmanuel Formosa vs. Kummissarju tal-Pulizija", deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' April, 1973. "Il-prinċipju aċċettat f'din il-materja tad-dritt għall-'*fair trial*', hu li l-apprezzament għandu jkun tal-ġjudizzju kollu fl-assjem tiegħu." Issa, waqt li hu veru li fil-każ in eżami l-proċeduri waslu

fi stadju delikat, f'ċertu sens deċizzjonali, u li taħt ċertu aspett jista' wkoll ikun determinanti, jibqa' l-fatt li dan hu biss stadju fil-proċess li għalih qed jiġi sottopost ir-rikorrent. Kif hu fatt li l-Qorti tal-Maġistrati għadha sallum ma espremietx ruħha fuq il-validità tad-dokumenti li ippermettiet l-eżebizzjoni tagħhom. Presumibilment, meta tagħmel dan, tesprimi ruħha bil-konoxxenza sħiħa tal-fatturi li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjoni tagħha li jiġu lilha sottomessi kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża;

Fir-rigward ta' dan l-aspett tal-ilment kopert fl-ewwel u fit-tieni talba tar-rikorrent, din il-Qorti għalhekk tqis li hu desiderabbli li ma teżerċitax is-setgħat lilha mogħtija, għax hi sodisfatta li r-rikorrent għandu mezzi xierqa ta' rimedju miftuħa għalih a tenur tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

Differenti hi l-pożizzjoni fir-rigward tat-tieni ilment tar-rikorrent, u ċjoè, l-opppożizzjoni tiegħu għall-konferma tal-esperti ballistiċi magħmula bid-digriet impunjat tal-14 ta' Frar, 1991. L-oppożizzjoni tar-rikorrent hi bażata fuq il-fatt li tnejn minn dawn l-esperti huma pulizija, fil-waqt li l-ieħor huwa uffiċjal tal-forzi armati, u għalhekk ilkoll dipendenti u f'korp dixxiplinat tal-Istat. A differenza miċ-ċirkustanzi rigwardanti l-eżebiti, fejn il-Qorti tal-Maġistrati b'dak id-digriet sempliċement akkordat l-eżebizzjoni tagħhom, fir-rigward tal-esperti ballistiċi, hi kkonfermat in-nomina tagħhom **bħala esperti** u sejħitilhom biex jagħtu x-xiehda tagħhom f'din il-vesti. Hu ovvju li l-konklużjonijiet tagħhom, bħala effett dirett ta' dak id-digriet ser jifformaw parti mill-proċess, bħax-xiehda tagħhom fir-rigward, li l-maġistrat għandu neċessarjament jieħu konjizzjoni tagħhom bħala parti mportanti mir-riżultanzi proċesswali. Hi valida għalhekk f'dan l-istadju, l-oġġezzjoni tad-difiża għall-konferma

tagħhom bħala periti, u din il-qorti għandha tinvestiga jekk il-ħatra ta' dawn il-periti jippreġudikax id-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent;

Jidher li l-eċċezzjoni sollevata mir-rikorrent kienet provokata minn obiter fis-sentenza mogħtija fil-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru, 1990, fil-kawża "Joseph Abela vs. l-Onorevoli Prim Ministru et." Hemm intqal riferibbilment għan-nomina tal-Ispettur Nicholas Ciappara bħala espert fl-inkjesta maġisterjali u fil-kumpilazzjoni li "il-Qorti tosserva li r-rikorrent jillamenta min-nomina tal-Avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace billi dan kien ġie diġa nominat fl-inkjesta maġisterjali u kien irraporta sfavorevolment għar-rikorrent, mentri ma qal xejn għan-nomina – ħafna aktar oġġezzjonabbli – tal-Ispettur tal-Pulizija Nicholas Ciappara, bħala perit legali f'kawża li fiha l-Kummissjarju tal-Pulizija, is-superjur tiegħu, huwa l-parti kontrarja fil-proċess". Bħala fatt jirriżulta li fil-verbal tal-14 ta' Frar, 1991, ġew konfermati bħala esperti ballistiċi fl-atti tal-kumpilazzjoni, l-esperti li kienu ġew nominati mill-Maġistrati inkwirenti. Dawn l-esperti huma l-Kurunell Maurice Calleja, il-P.S. 1315 Emmanuel Sammut u l-P.S. 31 Guido Agius. Kif jirriżulta mill-verbal tat-22 ta' Frar, 1991, il-partijiet qablu li tal-ewwel għadu illum, uffiċjal fl-Armata, waqt li t-tnejn l-oħra għadhom fil-Korp tal-Pulizija;

Il-Qorti tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet:

(1) Il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala Qorti Inkwirenti, kif ukoll bħala Qorti Istruttorja, hi obbligata li taħtar esperti "fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali" (artikolu 650(1) tal-Kap. 9). Ma hemmx dubju li l-ballistika teħtieġ ħila jew sengħa speċjali

u li l-Qorti għandha tappunta esperti fiha biex jassistuha;

(2) Ma hemmx dubju li l-Qorti ma hiex obbligata li toqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-perżważżjoni tagħha (*artikolu* 656 tal-Kap. 9). Imma hu daqstant ovvju li l-ġudizzju tal-ġudikant ikun neċessarjament kondizzjonat bl-opinjonijiet espressi mill-esperti minnu maħturin. Fil-fatt aktar ma tkun teknika l-materja, aktar tikber id-dipendenza tal-ġudikant fuq tali opinjonijiet. Il-ballistika hi fil-fatt materja mill-aktar teknika;

(3) *Il-periti nominati mill-Qorti jistgħu jiġu rikużati għar-*raġunijiet kollha li għalihom jista' jiġi rikużat Imħallef skond il-Kap. 12 (vide artikolu 743 tal-Kap. 12 u artikolu 651(1) tal-Kap. 9). Minn dawn ir-raġunijiet hu biss ta' interess għal din il-kwistjoni s-subinċiż (e), li jeżiġi rikuża ta' Imħallef (jew ta' perit) "Jekk hu jew il-mara tiegħu jew ir-raġel tagħha jkollhom interess dirett jew indirett dwar kif tinqata' l-kawża";

Għalkemm dan is-subinċiż jista' b'xi mod jiġi b'interpretazzjoni mġebbed biex jestendi u japplika għall-każ preżenti, fil-fehma tal-Qorti l-interess "dirett jew indirett" li l-leġislatur kellu f'moħħu, huwa *toto coelo* differenti mill-interess li wieħed jista' jkollu f'relazzjoni tax-xorta li r-rikorrent qed joġġezzjona għaliha. Dan l-interess "dirett jew indirett" irid ikun **fl-eżitu** tal-kawża. Dan hu divers għal dak li qed jopponi għalih ir-rikorrent, u ċjoé, il-preġudizzju, fis-sens ristrett tal-kelma, li jsita' jkollu l-espert, favur il-prosekuzzjoni bħala riżultat tar-*relazzjoni tiegħu ta' ħaddiem ma' min iħaddem, aċċentwata bil-*lealtà li tiġi minn persuna fis-servizz f'korp dixxiplinat. U dan mhux neċessarjament b'malafede jew intenzjonijiet ulterjuri;

(4) Fil-fehma tal-Qorti għalhekk ma jidhirx li r-rimedju

tar-rikuża abbażi tal-Kap. 9 u tal-Kap. 12 neċessarjament seta' jiġi tentat mir-rikorrent b'suċċess;

(5) Fil-każ preżenti ma hiex qed tiġi attakkata l-kostituzzjonalità tal-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kap. 12 dwar ir-rikuża tal-perit per se. Qed tiġi attakkata bħala leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smiegħ xieraq, in-nomina ta' dawn il-persuni in kwantu jokkupaw il-karigi li qed jokkupaw. Qed jiġi sottomess illi ma jirriżultax rimedju fil-liġi ordinarja, ċjoè, fil-Kodiċijiet imsemmija, biex tali leżjoni tiġi rettifikata. Dan ifisser li l-provvedimenti tal-artikolu 47(7) tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Skeda tagħha huma salvati u osservati in kwantu r-rikorrent qed ifittex rimedju bażat fuq id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq, bla ma jpoġġi fid-dubju l-kostituzzjonalità tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni tal-Proċedura Ċivili;

(6) Il-Qorti, a skans ta' kull ekwivoku, tagħmilha ċara li qed tagħmel distinzjoni netta bejn il-ħatra tal-Kurunell Calleja, li hu uffiċjal fl-armata u dik taż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija. Fil-każ tal-Kurunell Callejja għalkemm veru li hu uffiċjal f'korp dixxiplinat, ma hemm l-ebda dubju li hu m'huwiex b'xi mod konness mal-korp tal-Pulizija li, fil-proċeduri quddiem il-Qorti hi responsabbli għat-tmexxija tal-prosekuzzjoni f'dan l-istadju. Il-lealtajiet u doveri ta' uffiċjal fl-armata huma kompletament differenti, anki kostituzzjonalment, minn dawn ta' uffiċjal fil-korp tal-Pulizija. Konsegwentement ma hemm xejn x'josta għan-nomina u konferma tiegħu bħala espert, kemm fil-fażi nkwirenti kif ukoll f'dik istruttorja. Fir-rigward tiegħu, għalhekk, treġġi l-oġġezzjoni tal-intimat illi kontra l-ħatra tiegħu r-rikorrent kellu, u jista' għad għandu rimedju adegwat għal kull allegata vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu, anki bil-proċedura tar-rikuża,

jekk iċ-ċirkustanzi jokkorru;

(7) Minn naħa l-oħra ma hemmx dubju li uffiċjal tal-Pulizija *huwa subaltern tal-Kummissarju tal-Pulizija li huwa* l-parti kuntrarja fil-proċess kriminali, u li huwa direttament responsabbli għat-tmexxija tal-prosekuzzjoni. Hu veru illi bin-nomina tagħhom, il-persuni nominati ma jibqgħux periti *ex parte*, la tal-prosekuzzjoni u l-anqas tad-difiża, imma jsiru esperti tal-Qorti. Però, fid-dawl tal-prinċipju – kull tant abbużat – li l-ġustizzja mhux biss għandha ssir, imma għandha *wkoll tidher* li qed issir – din il-Qorti jidhrilha li mhux konduċenti għal smiegħ xieraq li jiġu nominati fil-proċeduri Kriminali esperti li mhux biss għandhom konnessjoni mill-qrib mal-prosekuzzjoni, imma fil-fatt huma dipendenti tagħha;

(8) Il-Qorti ma tistax ma tirriflettix ukoll fuq iċ-ċirkustanzi, anki riċenti, fejn ġew allegati u pruvati rregolaritajiet mill-aktar serji waqt investigazzjonijiet mill-pulizija, li wkoll wasslu għal proċeduri kriminali minnhom kontra persuni, anke fil-konsapevolezza tal-innoċenza tagħhom, stabbilita wara mill-Qrati. Dan jirrendi għalhekk impellenti għal "*fair trial*" li l-esperti nominati mill-Qorti, ikunu kompletament indipendenti minn influwenzi ta' xi parti jew oħra fil-kawża;

(9) Il-Qorti f'dan l-istadju, tenfasizza illi d-difiża f'dan il-każ ma hi qed tagħmel l-ebda allegazzjoni ta' irregolarità jew nuqqas ta' korrettezza, da parti *tal*-periti, uffiċjali *tal*-pulizija nominati. Fil-fatt waqt it-trattazzjoni, id-difiża għamlitha ċara illi l-oġġezzjoni tagħha bl-ebda mod, ma għandha titqies bħala rifless fuq l-integrità personali tagħhom, jew fl-operat tagħhom. Dan hu fattur tal-akbar importanza meta l-Qorti tal-Maġistrati tgħaddi biex tagħmel l-apprezzament tagħha, tar-riżultanzi

miġjuba quddiemha, imma bl-ebda mod ma jnaqqas il-validità tal-oġġezzjoni tad-difiża għall-konferma tagħhom f'dan l-istadju;

(10) Il-Qorti tagħmilha ċara illi l-oġġezzjoni tad-difiża fir-rigward tan-nomina ta' dawn iż-żewġ uffiċjali, hi valida **biss** in kwantu tirreferi għall-opinjonijiet esperti tekniċi minnhom riferiti. Dan bl-ebda mod ma jimpedihom milli jkunu xhieda kompetenti tal-fatti u tal-kostatazzjonijiet materjali li huma rriskontraw waqt l-investigazzjoni w l-inkjesta. Fl-istess waqt in-nomina tal-Kurunell Calleja, bħala espert, tibqa' għal kollox valida in kwantu l-perit nominat mill-Qorti jista' wkoll ikun wieħed (Artikolu 650(4) Kap. 9);

(11) Il-Qorti tifhem li l-oġġezzjoni tar-rikorrent hi valida wkoll in omaġġ tal-prinċipju tal-"*equality of arms*" sanċit kemm bil-Kostituzzjoni kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropeja. Hi tagħmel riferenza għall-Bonisch Case deċiż mill-Qorti Ewropeja fis-6 ta' Mejju, 1985. Dan kien jirrigwarda l-ħatra mill-Qorti Awstrijaka ta' espert li kien irrediġa rapport li pprovoka proċeduri kriminali kontra r-rikorrent. Għalkemm iċ-ċirkustanzi m'humiex identiċi u f'dak il-każ il-preġudizzju seta' kien aktar markat, il-prinċipju jibqa' l-istess. "*However, the principle of equality of arms required there to be equal treatment as between the hearing of the Director* (l-espert nominat mill-Qorti) *and the hearing of persons called by the Defence. The Court considerd that such equal treatment had not been afforded ... By reason of his appointment as 'expert', by the Regional Court, the statements of the Director of the Institute must have carried greater weight than those of the expert witnesses called by the Defence, and yet the Director's independence and impartiality were capable of appearing open to doubt. (Case law of the European Court of Human Rights – Vincent Berger 1989)*;"

(14) Fl-aħħarnett il-Qorti tinnota li r-rikkorrent għandu dritt għal smiegħ xieraq iżda dan is-smiegħ xieraq waqt li jipproteġi l-preżunta innoċenza tal-akkużat, għandu wkoll ikun *fair* mas-soċjetà li tkun ġiet oltraġġata bid-delitt. Il-Qorti tifhem li ma tistax u ma għandhiex tinfatam mir-rejaltajiet tas-soċjetà li fiha topera, u li għalhekk irid jinħoloq bilanċ ġust bejn l-interess suprem tal-Ġustizzja u l-interessi tas-Soċjetà li tipproteġi ruħha kontra reati ta' ċerta gravità. Waqt li mhux kompitu tal-Qorti li tissuġġerixxi rimedji in materja, jidher li s-soluzzjoni għall-problema – tenut kont tal-limitazzjonijiet serji tal-pajjiż f'dan ir-rigward – jista' jinstab filli s-sezzjoni xjentifika/forensika, illum fi ħdan il-korp tal-Pulizija, tiġi stabbilita bħala enti awtonomu u separat, taħt struttura li tassiguralha ċerta ndipendenza b'mod li tkun tista' tkun utli, kemm għall-Pulizija kif ukoll għall-Qrati;

Għal dawn *il-motivi, il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi:*

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut dwar in-nullità u l-irrittwalità tar-rikors;

(2) In forza tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent in kwantu hi sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu, disponibbli għalih skond xi Liġi oħra. Dan japplika wkoll għat-tielet u r-raba' talba biss inkwantu jirreferu għan-nomina u konferma tal-Kurunell Calleja bħala espert ballistiku fil-proċeduri Kriminali kontra r-rikorrent;

(3) Tilqa' it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrent limitatament għan-nomina ta' P.S. 1315 Emmanuel Sammut, u P.S. 31 Guido Agius, bħala esperti ballistiċi, u għall-konferma tagħhom u f'dan

is-sens biss tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tal-14 ta' Frar, 1991, waqt li tikkonferma li huma xhieda kompetenti fir-rigward biss tar-riżultanzi fattwali li dwarhom jistgħu jiddeponu. Għall-bqija tikkonferma d-digriet tal-14 ta' Frar, 1991;

L-ispejjeż, stante l-komplessità u n-novità tal-mertu jibqgħu bla taxxa;

(1) L-intimat appella, u kif espona fir-rikors ta' appell, l-aggravji tiegħu huma dawk li hemm fir-risposta inizjali tiegħu, għall-att promotrju ta' Ellul, billi jidhirlu li s-sentenza appellata ma hemmx fiha risposti adegwati għal dak li huwa espona;

(2) L-ewwel aggravju jirrigwarda dak li ġie deċiż minn din il-Qorti fil-kawża Angelo Spagnol vs L-Onorevoli Prim Ministru nomine et - deċiża fil-11 ta' Jannar 1989, u l-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti, ma kkunsidratx dik is-sentenza, u segwiet, għall-kuntrarju ġudizzju ieħor ta' din il-Qorti, ċjoè dak tat-23 ta' Novembru 1990, fl-ismijiet Alan Mifsud et. vs. L-Avukat Ġenerali et.;

Fil-kawża msemmija - Angelo Spagnol kien issolleva eċċezzjoni ta' natura kostituzzjonali waqt li kien qed jirrispondi akkuża quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati (Malta) u dik il-Qorti tatu xahar żmien biex jagħmel kawża kostituzzjonali fil-Qorti Ċivili Prim'Awla;

Is-subartikolu (3) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

"Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (inklużi), dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu ta' dan l-artikolu, il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-deċiżjoni;''

F'dik is-sentenza, din il-Qorti qalet illi d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati:

''li bih tat xahar żmien lir-rikorrent biex jagħmel il-kawża kostituzzjonali huwa kontra l-insemmija disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u kwindi irritu u null bil-konsegwenza wkoll li l-proċeduri preżenti, magħmula in segwitu u konformement ma' l-imsemmi digriet, huma wkoll nulli. Meta tqanqlet il-kwistjoni kostituzzjonali fuq imsemmija quddiem, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati kellha l-obbligu li ssegwi l-proċedura speċjali mposta fuqha bl-artikolu 46(3). In-nuqqas li tagħmel dan iwassal għan-nullitajiet fuq imsemmija;''

Fil-każ preżenti, il-proċedura segwita ma kenitx l-istess;

Ir-rikorrent qajjem il-kwistjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati fil-kors ta' kumpilazzjoni u dan ġie reġistrat fil-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 1991, u l-kawża dakinhar ġiet differita għat-18 ta' Frar 1991, ''sabiex il-prosekuzzjoni tirrispondi'' fuq il-kwistjoni sollevata;

Fit-18 ta' Frar 1991 ġie reġistrat dan il-verbal:

"Dr. Brincat għall-imputat jgħid illi stante li dalgħodu ġie pprezentat rikors fuq l-istess mertu tal-verbal (jiġifieri dak tal-14 ta' Frar, 1991);

Peress li l-imputat fuq il-bażi tas-sentenza kostituzzjonali Alan Mifsud (sic) deħrlu li wara kollox, tenut kont tal-fatt li kien qed jiġi mpunjat digriet tal-Qorti bħala vjolanti (sic) il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni riferita, jkun qed jitlob wisq mill-istess Qorti li hija stess tirreferi l-kwistjoni u għalhekk, in-neċessità li jingħata digriet minn din il-Qorti huwa sorpassat";

Il-Qorti tal-Maġistrati fl-20 ta' Frar 1991, wara li kkonstatat li effettivament il-preżenti proċedura kienet ġiet inizjata minn Nicholas Ellul – astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-verbal tad-difiża tal-14 ta' Frar 1991 – dak ċjoè, fejn ġew avvanzati l-eċċezzjonijiet ta' natura kostituzzjonali;

Il-prosekuzzjoni fl-istess seduta ma aċċettatx dan id-digriet ta' astensjoni u difatti hemm verbalizzat is-segwenti:

"Dr. Silvio Camilleri jirrileva illi din il-Qorti ġiet sollevata quddiemha kwistjoni ta' natura kostituzzjonali u għalhekk.... sakemm din il-kwistjoni ma tiġix irtirata minn min issollevaha, din il-Qorti obbligata li tipproċedi skond kif tipprovdi l-Kostituzzjoni fl-artikolu 46(3) u l-fatt li f'xi Qorti oħra ġie pprezentat rikors fejn qed issir allegazzjoni identika ma jfissirx bl-ebda mod li l-kwistjoni quddiem din il-Qorti ġiet sorpassata u li għalhekk din il-Qorti ġiet b'xi mod eżonerata milli tipproċedi skond kif provvist (sic) fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni.

Għalhekk jinħtieġ li jew id-difiża tippreċiża (sic) biex tirtira jew le l-kwistjoni minnha sollevata quddiem din il-Qorti u finnuqqas li tiġi ritirata l-istess kwistjoni, allura din il-Qorti għandha għar-raġunijiet imsemmija tirrevoka "*contrario imperio*" id-digriet tagħha li biha astjeniet li tieħu konjizzjoni tal-verbal tad-difiża tal-14 ta' Frar *1991* u tipproċedi kif previst *fl-artikolu* 46(3) tal-Kostituzzjoni";

Il-Qorti tal-Magistrati ċaħdet din it-talba u qalet li m'hix "f'pożizzjoni li terġa tirrintegra l-kompetenza tagħha biex tiddeċidi l-materja";

Għalkemm, għalhekk f'dan il-każ ir-rikors ta' Nicholas Ellul sar spontanjament u mhux in segwitu għal digriet tal-Qorti li ffissatlu żmien biex jipproċedi, kif kien il-każ ta' Angelo Spagnol, xorta waħda, l-intimat qed jippretendi li dan ir-rikors huwa null, fuq l-iskorta ta' dik is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża ta' Angelo Spagnol, ġa kwotata;

Għandu jiġi notat però illi f'dik is-sentenza ġie annullat id-digriet tal-ewwel qorti li ffissat żmien biex Spagnol jipproċedi b'rikors; u r-rikors ġie annullat per konsegwenza – għaliex kien null id-digriet li pprovokah. *Hawnhekk l-intimat qed jippretendi* li r-rikors huwa null indipendentement mid-digriet tal-Qorti li, minħabba fih, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali, billi l-operat ulterjuri tagħha ġie preċedut mill-preżentata tar-rikors;

Ir-rikorrent ippreżenta dan ir-Rikors **qabel** ma l-Qorti setgħet tiddeċidi fuq it-talba tiegħu biex issir riferenza, u ġaladarba dik it-talba ġiet b'daqshekk effettivament irtirata, il-Qorti ma kenitx aktar obbligata li tiddeċidi fuq l-istess talba għar-riferenza;

(3) Il-Qorti tħoss li għandha tinvesti din il-kwistjoni u tikkunsidra l-linja proċedurali korretta li għandha tiġi segwita fil-kwadru ġenerali tal-proċeduri kostituzzjonali kontemplati fil-Kostituzzjoni – art. 46 – kif ukoll għall-proċedura speċjali kontemplata fil-kwotat subartikolu (3) tal-art. 46;

(a) Il-Kostituzzjoni preżenti bdiet topera mill-21 ta' Settembru 1964;

Fid-9 ta' Novembru 1964 fil-kawża quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta (kif kienet dak iż-żmien il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati (Malta) tallum) – fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur A. Mifsud Tommasi) vs. Ganni Camilleri, Salvu Agius, Carmel Grima, Joseph Mazzelli, Joseph Tabone, u Alfred Grixti**" billi ġew sollevati eċċezzjonijiet li jinvolvu kwistjonijiet kostituzzjonali, dik il-Qorti, b'applikazzjoni tal-art. 47(3) tal-Kostituzzjoni (illum art. 46(3) bagħtet l-istess kwistjonijiet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Fis-17 ta' Novembru 1964, l-istess persuni, ċjoè **Ganni Camilleri, Salvu Agius, Carmel Grima, Joseph, Mazzelli, Joseph Tabone u Alfred Grixti**, ippreżentaw rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili **kontra l-Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier bħala Prim Ministru u Vivian de Gray bħala Kummissarju tal-Pulizija**, fejn avanzaw l-istess kwistjonijiet li kienu eċċepew fil-kawża kriminali u li fuqhom kienet saret ir-riferenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u talbu li jiġi dikjarat li l-Proklama tal-Gvernatur tal-15 ta' Settembru 1964 – kien leżiv tal-libertajiet tagħhom ta' espressjoni, ta' għaqda u assoċjazzjoni u għalhekk invalidu u "*ultra vires*";

Ir-riferenza tal-Qorti tal-Magistrati ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivli, fis-**7 ta' Jannar 1965**, filwaqt illi r-rikors ġie deċiż mill-istess Qorti fid-**9 ta' Jannar, 1965**;

Dan kollu ġie reċitat biex il-Qorti turi li sa mill-bidu nett, tista' tgħid mal-ewwel okkażjoni li dan seta' jsir – il-proċedura ta' riferenza b'ebda mod ma ġiet kunsidrata li teskludi l-proċedura b'rikors mill-istess persuni li l-eċċezzjonijiet tagħhom ikunu taw lok għar-riferenza;

Din il-prattika, del resto, hija suġġerita minn żewġ kunsiderazzjonijiet:

(a) illi filwaqt li r-riferenza tkun limitata u ċirkoskritta għas-soluzzjoni tal-kwistjoni kostituzzjonali li tkun tinteressa l-proċedura partikulari li tkun miexja quddiem il-Qorti li tagħmel ir-riferenza, fil-waqt illi r-rikors, għalkemm jirrigwarda l-istess kwistjoni jista' jkollu finalitajiet oħra, bħal, per eżempju, il-ħlas bħala kumpens għall-vjolazzjoni li tkun diġà ġiet subita, jew biex tottjeni ordni biex tiġi evitata vjolazzjoni prospettata li se tiġri lir-rikorrent; u

(b) fil-waqt li r-riferenza tkun neċessarjament limitata għall-partijiet li jkunu preżenti fil-proċedura quddiem il-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza, ir-rikors jitsa' jiġi propost kontra kull persuna li r-rikorrent jidhirlu li huwa l-leġittimu kuntradittur tal-istanza, speċjalment il-persuna li mingħandha jiġi pretiż il-kumpens jew li kontra tagħha jintalab l-ordni rimedjali tal-Qorti. Riferenza minn proċeduri ta' natura volontarja u mhux ta' natura kontenżjuża, difatti, f'dan ir-rigward hija problematika għaliex ma jkunx hemm leġittimu kontradittur, tara sentenza ta' din il-Qorti tat-**22 ta' April 1991 - "Fl-atti tar-rikors ta' Martin Vella" - Rif. Kost. 263/89**).

Għalhekk għal dik li hija l-proċedura kostituzzjonali jista' jingħad li, bħala *massima*, riferenza Kostituzzjonali lill-Prim'Awla jew din il-Qorti Kostituzzjonali, ma teskludix il-proċedura ordinarja permezz ta' rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

(4) Naturalment din il-massima ġenerali tiġi kwalifikata skond iċ-ċirkustanzi diversi li jirrikorru w li jitolbu tali kwalifiki:

(a) Diġà intqal li din il-Qorti fil-kawża **Angelo Spagnol vs L-Onorevoli Prim Ministru ne et tal-11 ta' Jannar 1989** irriteniet illi l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati (Malta) li quddiemha ġiet sollevata kwistjoni kostituzzjonali kellha l-obbligu li ssegwi l-proċedura mposta mill-art. 46(3);

(b) Fis-sentenza ta' din il-Qorti fir-**Rikors numru 149/85 - Anthony Coreschi vs. Kummissarju tal-Pulizija et tal-21 ta' Lulju 1989** - l-intimat tallum, ta l-istess eċċezzjoni li qiegħed jagħti llum, u ċjoè illi r-rikors ta' Coreschi kien irritu u null għaliex, billi l-istess Coreschi kien imputat f'proċess quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, ma kellux a disposizzjoni tiegħu l-azzjoni permezz ta' rikors li għalhekk kienet irrita w nulla għax tmur kontra d-dispost tas-subartikolu (3) ta' l-art. 46 tal-Kostituzzjoni - u din il-Qorti kkonfermat dak li ddeċidiet il-Qorti Ċivili Prim'Awla, fuq dan il-punt u qalet illi "..... iż-żewġ azzjonijiet kontemplati rispettivament fis-subartikolu (1) u (3) tal-art. 46 mhumiex limitazzjoni ta' xulxin iżda paralleli ta' xulxin...." B'dan kollu, l-istess Kummissarju tal-Pulizija, fil-preżenti istanza, qiegħed jerġa' javvanza l-istess eċċezzjoni u jippersisti fiha, anki f'dan il-grad ta' appell;

(ċ) Finalment, din il-Qorti, kif illum kostitwita, fis-

sentenza wara r-**Rikors numru 295/90. "Alan Mifsud et vs. L-Avukat Ġenerali et" tat-23 ta' Novembru 1990,** qalet illi:-

"**kull persuna li waqt xi proċediment quddiem xi qorti li m'hix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, jidhrilha li qamet xi kwistjoni kostituzzjonali – dik il-persuna trid tagħżel – jew li tipproċedi permezz ta' rikors** quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew billi tissolleva l-kwistjoni sabiex dik il-Qorti tibgħat l-istess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Għalhekk f'din is-sentenza wkoll reġa' ġie affermat id-dritt għall-proċedura permezz ta' rikors dirett mill-persuna li tkun qegħda f'kawża fejn tirrikorri kwistjoni kostituzzjonali – mentri l-intimat anki f'dan l-appell jippersisti li jgħid "l-proċdura korretta u tassattivament (niente di meno) prevista mill-Kostituzzjoni hija dik ta' riferenza;

Għandu jingħad li f'din l-aħħar sentenza, din il-Qorti kkunsidrat ukoll l-import tas-subartikolu (5) tal-art. 46, li billi jekk it-talba għar-riferenza tiġi miċħuda in kwantu hija sempliċment frivola jew vessatorja, ma hemmx appell minn dik iċ-ċaħda, din il-Qorti eskludiet il-proċedura sussegwenti permezz ta' rikors, meta dik il-proċedura timplika appell indirett mid-deċiżjoni li l-kwistjoni sollevata hija sempliċement frivola jew vessatorja;

Għalhekk dan l-aggravju tal-intimat huwa għal kollox infondat u ċjoè ma jsib ebda bażi la fil-Kostituzzjoni u l-anqas fil-ġurisprudenza;

(5) L-appellant fil-paragrafi 14,15, 16, 17 u 18 tar-rikors

ta' l-appell tiegħu jinsisti ħafna fuq l-**obbligu** li kellha l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati li tagħmel ir-riferenza, skond is-subartikolu (3) tal-art. 36 tal-Kostituzzjoni;

Għandu jiġi osservat, f'dan il-kuntest, illi l-ewwel tifsira li għandu dan is-subartikolu hija, li nkwantu il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha **ġurisdizzjoni esklussiva,** fl-ewwel grad, biex tikkunsidra kull kwistjoni li tirrigwarda d-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu, l-ebda Qorti oħra ma għandha ġurisdizzjoni biex tikkunsidra tali kwistjoni ħlief meta tqis dik il-kwistjoni sempliċement frivola u/jew vessatorja. Għalhekk meta dan ma jkunx il-każ, billi kull kwistjoni mqanqla f'kawża trid tiġi riżoluta, dik il-Qorti għandha tirriferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għas-soluzzjoni tagħha. Dan l-obbligu naturalment, ma jissusistix meta, dik il-kwistjoni tkun se tiġi riżoluta, f'xi proċduri, li jkunu u diġà ġew inizjati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – bħalma ġara fil-każ preżenti. Altrimenti r-riferenza tispiċċa biex tirdoppja inutilment proċeduri ntiżi biex isolvu l-istess kwistjoni;

Naturalment ukoll, l-istess obbligu ta' riferenza ma jisussistix meta l-kwistjoni kostituzzjonali li tiġi sollevata, tkun diġà ġiet riżoluta mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew mill-Qorti Kostituzzjonali, u l-ewwel qorti tgħaddi biex tapplika din id-deċiżjoni billi kull riferenza fuq l-istess kwistjoni tkun inutli; u meta dik il-kwistjoni tkun diġà ġiet deċiża negattivament, l-ewwel qorti tista' infatti, tikkunsidra l-kwistjoni sollevata f'sens kuntrarju għad-deċiżjoni – frivola u/jew vessatorja;

Dan kollu juri illi l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni hija dik li għandha tirrisolvi l-interpretazzjoni korretta tas-subartikolu (3) tal-art. 46 tal-Kostituzzjoni w l-obbligatorjetà imposta fuq l-ewwel

Qorti għandha tiftiehem f'dan is-sens u mhux fis-sens formalment mekkaniku li jippretendi l-appellant;

F'dan il-każ, la r-riżoluzzjoni tal-kwistjoni kienet se ssir mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara r-rikors tal-appellant, l-ewwel Qorti ma kellha ebda obbligu li tagħmel ir-Riferenza għas-soluzzjoni tal-istess kwistjoni;

(6) Dan kollu jista' jiġi rikapitolat, fil-qosor, kif ġej:

(a) *Kull meta f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-*Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, xi waħda mill-partijiet jidhrilha li tirrikorri xi kwistjoni kostituzzjonali – dik il-parti tista':

(i) tagħmel rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

(ii) tqanqal il-kwistjoni quddiem il-Qorti fejn ikunu għaddejjin il-proċeduri u titlob li dik il-Qorti biex tirriferixxi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

(b) jekk u meta l-ewwel Qorti tiċħad ir-riferenza għaliex il-kwistjoni mqanqla tirriżulta sempliċement frivola u/jew vessatorja, allura l-parti ma tistax tirrikorri għall-proċedura tar-rikors sabiex, fuq l-istess mertu tal-kwistjoni, effettivament tkun qed tappella minn dik id-deċiżjoni li l-kwistjoni hija frivola u/jew vessatorja;

(ċ) l-ewwel qorti hija obbligata li tirrispetta l-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, b'mod illi, tali kwistjoni sollevata quddiemha għandha tiġi riżoluta mhux minn

dik il-Qorti imma mill-organi li għandhom dik il-ġurisdizzjoni – ħlief meta dik l-ewwel qorti, tqis li l-kwistjoni sollevata hija sempliċement frivola w vessatorja;

(6) It-tieni aggravju tal-appellant huwa li r-rikorrent ma kienx eżawrixxa r-rimedji ordinarji qabel ma għamel il-preżenti proċedura – proviso tas-subartikolu (2) tal-art. 46 tal-Kostituzzjoni;

Huwa paċifiku li dan il-proviso jafda fid-diskrezzjoni tal-imħallef sedenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li jara u jqis jekk huwiex desiderabbli li jirrifjuta li jeżerċita s-setgħa li dik il-Qorti għandha biex tipprovdi rimedju għal-lanjanza kostituzzjonjali f'kull każ meta huwa jkun sodisfatt li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma, jew kienu, disponibbli favur ir-rikorrent, skond xi liġi oħra;

Is-sentenza appellata infatti adottat dan l-atteġġjament f'direzzjoni negattiva għar-rikorrent, fuq l-ewwel u t-tieni talbiet tiegħu rigward il-preservazzjoni tad-dokumenti eżebiti fil-kumpilazzjoni, u r-rikorrent akkwijexxa għal din id-deċiżjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti;

Dan juri li dik il-Qorti altru milli kienet attenta u konxja fl-operat tagħha, biex tħares u tindokra l-prinċipju ġenerali tad-dritt ordinarju tagħna li meta jipprovdi rimedju adegwat għal-lament allegat, ma għandux jiġi sottomess inutilment biex jissanzjona rimedju straordinarju li fil-fatt ma jkunx għalhekk, straordinarju xejn. Din hi r-"*ratio constitutionis*" tagħha. Għalhekk din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Onorabbli Qorti li dehrilha li għandha tipprovdi rimedju fuq it-tieni lament tar-rikorrent – dak li jirrigwarda l-periti ballistiċi nominati mill-

Qorti Kriminali tal-Maġistrati;

Naturalment dik il-Qorti kkunsidrat illi wara dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tas-**7 ta' Diċembru 1990** il-kawża fl-ismijiet "**Joseph Abela vs. L-Onorevoli Prim Ministru et**", u l-prattika kostanti u spissa tal-Qrati Kriminali tal-Maġistrati meta tirrikorri l-ħtieġa ta' nomini tal-periti ġiudizzjarji kemm legali u kemm tekniċi, kien anzi desiderabbli li f'din l-ewwel okkażjoni li din il-kwistjoni tqajjmet – hija teżerċita l-poter kostituzzjonali tagħha u tirregola l-materja, konformement ma' l-istess Kostituzzjoni;

Għalhekk anki dan l-aggravju ma jistax ma jiġix riġettat;

(7) L-aggravju rigward is-subartikolu (7) tal-artikolu 47 li jippriżerva l-Kodiċi Kriminali minn imputazzjoni ta' anti-kostituzzjonalità, ma jżid xejn ma' dak li s-sentenza appellata korrettement irrispondiet illi:

"ir-rikorrent qed ifittex rimedju bażat fuq id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq bla ma jpoġġi fid-dubju l-kostituzzjonalità tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili";

Dan huwa korrett. Imma miegħu għandha tiżdied il-kunsiderazzjoni illi per eżempju – dak li huwa l-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali mhuwiex protett mis-subartikolu 47(7) inkwantu dan l-artikolu ġie promulgat *bl-artikolu 16 tal-Att III* tal-1971, li ssostitwixxa b'mod sostanzjali l-artikolu 540 tal-istess Kodiċi li kien "*in vigore*" fil-21 ta' Settembru 1964, billi huwa l-Kodiċi Kriminali kif kien dik inhar, li għandu l-protezzjoni kostituzzjonali u mhux il-bidliet li saru fl-istess Kodiċi wara dik id-data;

F'dan ir-rigward ukoll, l-appellant jippretendi illi billi l-imsemmija disposizzjoni kostituzzjonali - art. 47(7) tgħid: ''ebda ħaġa magħmula skond l-**awtorità** ta' xi liġi bħal dik ma titqies li tkun saret bi ksur ta' dawk l-artikoli'' allura, jekk, per eżempju, il-maġistrat bl-awtorità li kien jagħtih l-artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali viġenti fil-21 ta' Settembru 1964 – kien jinnomina, għall-aċċess fejn sar omiċidju, periti li b'xi mod jew ieħor, kienu nteressati fl-istess delitt, allura dan l-eżerċizzju tal-awtorità konsentita b'mod sempliċi mill-Kodiċi – teżenta dak l-operat mill-ħarsien ta' dak li huma l-elementi fundamentali tas-smiegħ xieraq fil-proċess li jista' eventwalment jiġi ċelebrat u dawk ir-rapporti tal-periti jkunu jikkostitwixxu prova;

Jekk din hija l-pretensjoni fl-aggravju tal-appellant li għaliha jalludi fil-qosor fil-paragrafu tiegħu numru 22 – allura din ukoll trid tiġi kompletament riġettata. U dan qed jingħad, għal dak li jirrigwarda l-artikolu 542 kostituzzjonalment ''pur'' tal-Kap. 12 ta' allura – (biex ma jkun hemm ebda dubju fuq dak li huwa l-ħsieb tal-Qorti in rigward) għaliex naturalment, japplika b'iżjed qawwa għal dak li hemm fl-artikolu 548 ta' llum Kap 9. – emendat mhux ftit, wara l-1964 u għalhekk kostituzzjonalment ''impur'' għall-iskopijiet tal-protezzjoni;

(8) Għall-bqija - għal dak li huwa l-mertu preċiż rigward id-digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati (Malta) – bħala Qorti Istruttorja :– tal-14 ta' Frar 1991 – din il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li hemm fis-sentenza appellata;

(9) Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li tirrespinġi l-appell tal-intimat, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata;

Spejjeż tal-ewwel istanza kif regolati; dawk ta' dan l-appell għall-intimat.